# Żewġ kappelli rurali li m'għadomx jeżistu

**Kitba ta' Michael Balzia**

***(meħud minn artiklu tal-istess awtur bit-titlu "Tlett kappelli rurali" u li deher fil-programm tal-festa ta' Santa Katerina taż-Żurrieq tas-sena 2008. Riprodott bil-permess tal-awtur)***

**Fis-sena 2013 l-parroċċa ta' Birżebbuġa tagħlaq mitt sena. Kien nhar id-9 ta' Settembru tal-1913, meta l-Isqof Pietro Pace fired il-parroċċa l-ġdida minn dawk taż-Żurrieq, Gudja, Ħal Għaxaq u Marsaxlokk u waqqaf parroċċa awtonoma ddedikata lid-Duluri bl-ewwel kappillan tagħha jkun il-Kanonku Bormliż Dun Karm Bugelli. L-ikbar parti tal-art ittieħdet mill-Parroċċa taż-Żurrieq tant li meta iktar tard il-Kappillan Bugelli kellu xi nkwiet mal-arċipriet Emmanuele Mifsud fuq il-konfini parrokkjali, dan tal-aħħar ma ħasibiex darbtejn sabiex fl-ilmenti tiegħu lill-Isqof jgħid li "t-tifla (Birżebbuġa) saret ikbar minn ommha (iż-Żurrieq)".**

**Intant f'din il-medda ta' art kienu jinsabu żewġ kappelli: dik ta' Sant'Anġlu ta' Ħal Far u tal-Kunċizzjoni f'Bengħajsa. Waqt li t-tieni waħda għadha wieqfa sal-lum u għalhekk mhux ser niktbu dwarha hawn, mhux l-istess nistgħu ngħidu għal tal-ewwel. Din twaqqgħet matul it-Tieni Gwerra Dinjija (1940-1943) u l-art tagħha ttieħdet meta tkabbar il-mitjar ta' Ħal Far.**

**Kappella oħra li kienet wieqfa fejn illum hemm l-istess mitjar hija dik ta' Santa Sofija li tissemma biss f'żewġ Visti Pastorali fis-sekli 16 u 17. Ma' dawn tissemma wkoll dik ta' San Luqa f'Bengħajsa fil-Vista Pastorali li għamel Mons. Baltassare Cagliares fil-11 ta' Marzu, 1618 (Vista Pastorali Nru IX - 1618, paġna 87v.), iżda ħaġa tal-iskantament din tinsab imniżżla taħt ir-raħal taż-Żejtun.**

## Kappella Sant'Anġlu ta' Ħal Far

**Ħafna anzjani Żrieraq għadhom jiftakru din il-kappella wieqfa f'nofs ir-**

**'runway' ta' Ħal Far flimkien mal-palazz u l-ġnien tal-markiż li kellu fih minn kull kwalita' ta' siġar waqt li taħt it-taraġ kien jerfa' diversi żrieragħ. Anżjan Żurrieqi, li llum m'għadux magħna, kien qalli li meta kien tifel, fi żmien il-Karnival, is-superjur tal-Mużew kien jeħodhom għal tlett ijiem f'din il-kappella sabiex ikunu 'l bogħod mill-blugħat li jġib miegħu dan iż-żmien u t-tentazzjoni tad-dnub.**

**Din il-kappella benefiċċjali kienet tinsab fir-raħal antik ta' Ħal Far quddiem Wied Żnuber fin-nofsinhar ta' Malta u twaqqgħet bil-ħidma tal-għadu fl-aħħar Gwerra Dinjija. Wara, l-art tagħha ttieħdet sabiex jiġi estiż l-ajrudromm.**

**Inbniet minn Nobbli Vincenzo Viani mill-Belt Valletta fis-sena 1702, skont id-data li kienet iġġib fuq il-bieb prinċipali tagħha u dejjem skont rikors flimkien ma' kuntratt l-ewwel wieħed milqugħ mill-Isqof Davide Cocco Palmeri fit-2 ta' Jannar, 1702 u l-ieħor għand in-nutar Giovanni Francesco d'Albrazzo fl-10 ta' Jannar. Magħha kellha anness benefiċċju ta' ħames skudi fis-sena meħudin mill-beni tal-art imsejħa "*Ta' Docchiena*" li kienet tinsab f'Birżebbuġa b'parti minnha fejn illum hemm mibnija l-knisja parrokkjali preżenti. Minn dan il-benefiċċju, Viani ried li jitħallas ir-rettur, jinxtegħel lumpier tar-ram fis-Sibtijiet u lejliet il-Festi Kmandati kif ukoll fil-festi tal-qaddisin li kien jidhru fil-kwadru titulari. Il-festa tagħha kienet issir nhar il-5 ta' Mejju bl-Ewwel Għasar u Quddiesa Kantata. Il-lampier kien jinxtegħel ukoll fl-lejliet u nhar il-festa.**

**Viani għamel il-kappella ġdida tiegħu ġuspatronali, tintiret mill-ewwel tifel tal-linja dixxendenti ta' ibnu l-kbir, Isidore. Dan kien ikkkonfermat fl-Atti Nutarili ta' Paolo Vittorio Giammalva fit-28 ta' Mejju tal-1775, meta kienet iffondata l-'Primo Genitura' mit-tfal ta' Isidore, il-Baruni ta' Tabria, Gio Batta Viani, Angelica, Maddalena u Olimpia.**

**Il-format ta' din il-kappella huwa l-istess wieħed li nsibu f'dawk il-kappelli kampanjoli mibnija f'dawn iż-żminijiet. Sant'Anġlu ta' Ħal Far kellha żewġ bibien: fuq dak prinċipali wieħed seta' jara l-arma ġentilizja tal-Gran Mastru Perellos u dik tal-Isqof Cocco Palmeri. Dan il-bieb kien iħares lejn in-**

nofsinhar. Fuq ieħor żgħir li kien jagħti għall-artijiet tal-istess familja kien hemm l-arma tal-familja Viani.

L-istruttura ġenerali tal-kappella kienet rettangolari b'saqaf troll iserraħ fuq ħames arkati. Il-qanpiena waħdanija tal-bronż b'żewġ ilsna kienet tinsab taħt ħnejja tal-ġebel fil-faċċata. Hija kellha altar wieħed tal-ġebel.

Il-kwadru titulari fi ġwarniċ tal-ġebel kien jinsab taħt skultura f'forma ta' ħamiema li tirrappreżenta l-Ispirtu s-Santu. Fuq in-naħa ta' fuq tal-pittura kien hemm impittra l-Kunċizzjoni, fin-nofs Sant'Anġlu Martri (qaddis Karmelitan minn Sqallija - 1220w.k.), fil-waqt li fin-naħa t'isfel kien hemm San Sidor, Isqof u Konfessur flimkien ma' San Vinċenz Ferreri, konfessur. Għal xi żmien f'din il-pittura kien hemm ukoll ix-xbieha tal-fundatur, ħaġa li l-Isqof aċċetta li ssir minħabba l-eta' tiegħu, u li kellha titħassar għal kollox mal-mewt tiegħu.

Fuq kull naħa tal-altar kien hemm żewġ bibieb b'pittura ovali fuq kull wieħed. L-inkwadru tax-xellug kien bl-immaġni ta' Santa Teodora u dak tal-lemin b'Santa Marija Maddalena. Għall-ħabta tas-sena 1758 żdiedu wkoll xi relikwi ta' qaddisin bis-siġill tal-Isqof Alpheran de Bussan. Is-sagristija kienet tinsab wara l-altar. Fiha kien hemm bankun tal-ġewż, armarju, salib u kwadru ta' Sant'Anna.

Din il-kappella ġiet imbierka u miftuħa għall-pubbliku fil-11 t'Ottubru Tal-1702 minn Dun Ġakbu Dudingh, kommendatur tal-Kommenda ta' Aix-la-Chapelle u wara isqof ta' Lausanne. L-ewwel rettur tagħha kien Don Angelus Viani, iben il-fundatur u Maddalena Pensa. Dan twieled f'Alicata fi Sqallija fit-2 ta' Lulju tal-1670 u kien kappillan-konventwali tal-Lingwa Taljana fi ħdan l-Ordni ta' San Ġwann. Warajh laħaq Don Josef Olivier, qassis Belti li ħa l-ħatra tiegħu nhar l-10 t'Ottubru tal-1715. L-aħħar rettur kien il-poeta, Dun Frans Camilleri.

Fondazzjoni oħra saret għand in-nutar Giov. Francesco d'Albrazzo fid-29 ta' Jannar tal-1704. Fiha jissemma għall-ewwel darba t-titlu ta' abbazzija. Don Angelo Viani, allura rettur tal-kappella, kellu l-fakulta' li jqaddes quddiesa

letta fil-jiem tal-festa, u quddiesa oħra fl-aħħar Tnejn ta' kull xahar. Jekk tal-aħħar kienet tinżerta festa, din kienet titqaddes l-għada. L-art magħrufa bħala "*Ta' Franchin*" f'Bir Lanġasa, f'Bubaqra (10 uqijiet) flimkien ma' dik "*Ta' Docchiena*" kienu jagħmlu tajjeb għal din il-fondazzjoni. Din kienet ikkonfermata b'digriet li ħareġ mill-Kurja nhar is-17 t'April tal-1704.

Fl-1 ta' Marzu 1943, attakki tal-għadu fuq Ħal Far farrku din il-kappella flimkien mal-palazz tal-familja Viani.





Kappella ta' Santa Sofija

Il-kappella ta' Santa Sofija kienet tinsab fl-inħawi ta' Bengħajsa, wisq probabbli fejn illum jinsab il-mitjar l-antik ta' Ħal Far.

Fil-bidu tas-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor, l-arkeologu Margaret A. Murray għamlet xi skavi fil-post magħruf bħala "*Ta' Santa Sfia*" li kienet speċi ta' tumbata li kienet tinsab bejn żewġ sqaqien fir-reġjun ta' Ħal Far. Hija tkompli tikteb (Excavations in Malta - Part I, paġni 14 u 15) li minħabba l-urġenza għax il-gvern ried l-art sabiex ikun jista' jibni l-mitjar ta' Ħal Far, l-iskavar kellu jsir b'ċertu ħeffa u ma daħalx fid-dettal. Murray ma kienx jinteressaha jekk hawnhekk kienx hemm mibnija xi kappella jew le fl-antik, iżda tagħmel referenza għal xi bini sagru u tgħid li jekk kien hemm xi bini, kull ħaga li kien hemm ittieħdet x'imkien ieħor. Hi tagħmel konnessjoni tas-sit mal-isem u tagħti rilevanza jew mal-qaddisa 'Saint Sophia' jew 'the Holy Wisdom'.

Fis-sena 1575, il-Visitatur Appostoliku, Mons. Pietro Dusina kien tqabbad mill-Vatikan sabiex iżur Malta u jagħmel ir-rapport tiegħu. Mill-Assedju l-Kbir kienu għaddew 10 snin. Dusina żar ir-raħal taż-Żurrieq fid-9 ta' Frar u waħda mill-kappelli li żar hemmhekk kienet appuntu l-Kappella ta' Santa Sofia. Huwa rrapporta li din il-kappella, għalkemm kellha altar, kienet nieqsa minn rettur, dħul, benefiċċji u affarijiet għar-rit liturġiku u fuq kollox l-anqas bibien ma kellha – ħaġa li nsibuha regolari f'għadd ta' kappelli li żar il-Monsinjur Dusina. Kien jieħu ħsiebha ċertu Michael Mangiun miż-Żurrieq li kellu biċċa art magħrufa bħala '*Micerec f'Ta' Lahantun*'. Mid-dħul tal-art, kienet titqaddes quddiesa f'jum il-qaddisa, iħallas liċ-ċelebrant u jagħti xi ħaġa żgħira lil erbgħa fqajrin kif ukoll jixgħel il-lampier. Dakinhar l-Isqof ordna li fi żmien xahar isiru l-bibien taħt piena ta' għaxar skudi u fl-istess ħin il-quddies kellu jsir fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq.

Jekk l-ordnijiet tal-Visitatur Appostoliku kienu esegwiti jew le ħadd ma jaf. Fil-Visti Pastorali segwenti li saru fil-Parroċċa taż-Żurrieq, din il-kappella ma tissemmiex. Nerġgħu niltaqgħu magħha għall-aħħar darba fil-Vista tal-Isqof Baltassare Cagliares li saret fil-15 ta' Gunju, 1621. Il-kappella kienet fi stat ta' abbandun tant li l-Isqof ordrna li fi żmien erba' xhur, Marius Callus, li kellu f'idejh l-art imħollija minn Bartholomeus Mangiun, jipprovdi kwadru tal-qaddisa flimkien ma' altar u dak kollu li relatat miegħu, qiegħa tal-art, isewwi s-saqaf kif ukoll jagħlaq il-bibien bil-firrolli tal-ħadid u jagħmel tieqa żgħira fil-panew tal-bieb.

